TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 172/17-F

**Alexander Borg**

**vs**

**Grech & Ellul**

Illum 20 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tlett mija u tnax-il ewro u erbatax-il ċenteżmi (€1,312.14), rappreżentanti prezz ta' żebgħa u spejjeż tal-mastrudaxxa illi wara li tpoġġiet iż-żebgħa bdew ħerġin il-bżieżaq.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti esebixxa xi ritratti ta' qabel ma sar ix-xogħol, fejn ir-rikorrenti xtara żebgħa tal-kulur għal barra u żebgħa bajda għal ġewwa. Meta mar għand il-mastrudaxxa, l-ewwel ta l-primer u ħarġu strixxi kannella u ġew esebiti wkoll ir-ritratti. Meta mar għand id-ditta ntimata qalulu biex jixtri *stain killer*, għamel hekk, ħallas il-prezz ta' sitta u erbgħin ewro, u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€46.75) u wara li applika l-*istain killer* dana ġie sodisfaċenti. Wara ftit pero' bdew ħerġin bżieżaq fuq in-naħa ta' barra, fuq il-bibien li kienu *south facing* u bdew ħerġin cracks ukoll, illi nefaq tlett mija u tnejn u tletin ewro, u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€332.74) għaż-żebgħa, filwaqt li nefaq disa' mija u disgħa u sebgħin ewro, u erbgħin ċenteżmi (€979.40) għall-mastrudaxxa fuq tlett aperturi, u l-injam li kien uża kien tal-aħmar.

L-intimat issottometta wkoll illi l-problema kienet mill-injam għax fil-fatt dawk it-twieqi li kienu *south facing* ġralhom il-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti tramite l-mastrudaxxa tiegħu mexa mal-istruzzjonijiet li tawh is-soċjeta' ntimata, u ġara li ġara minkejja li mexa fidelment mal-istruzzjonijiet. L-intimat issottometta li kien it-tort tal-injam minkejja li kien użat tal-aħmar.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

It-Tribunal, iffaċċjat b'dan il-kunflitt, jinnota pero' li l-istat daqsxejn ħażin tal-aperturi illi vera soffrew ċertu danni, u li din iż-żebgħa kienet għal barra u mhux għal ġewwa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, b'ekwita' qed jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mija u sitta u ħamsin ewro, u seba' ċenteżmi (€656.07), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**